# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Ottubru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 28/01mm**

**Allied Insurance Agency Limited**

**vs**

**Francis Caruana**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tliet mija u wiehed u tmenin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm381.13) dovuti mill-konvenut rapprezentanti s-somma dovuta ghal

"premia" fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-15 ta' Ottubru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.